*Ref*: 49/7/194/18

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 49

*L-Erbgħa 26 ta' Settembru, 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar L-Erbgħa 26 ta' Settembru. Il-laqgħa bdiet fil-5.40pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa- *Vici Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** | Nicholas Seychell-*Kunsillier* |
| (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Seychell u Bartolo talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji u qablu li l-membri ikunu skużati.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr.48 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar l-un/loading bays fi Triq Sammat il-Kunsillier Lynch qal li irċieva ilmenti illi l-vetturi qed jokkupaw dawn il-kaxxi tul il-ġurnata. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li huwa tkellem mal-gwardjani lokali sabiex jinvestigaw dan il-każ.

*Il-Kunsillier Muscat daħal fil-kamra.*

2.3. Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar punt nr. 7.2 dwar ix-xogħol li għaddej fi Ġnien Lorry Sant fid-dawl tal-attività skedata għal dan il-post mill-Kumitat Distrettwali tar-raba distrett, fil-5 ta' Ottubru. Il-membri qablu li x-xogħol jiġi temporanjament sospiż sabiex tkun tista' issir din l-attività.

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Ittra mir-residenti ta' Triq Ġużepp dwar l-inkonvenjent li kienu qed iġarrbu l-istess residenti dwar it-traffiku li qed jgħaddi mit-triq tagħhom fejn qed jissuġġerixxu li l-parti ta' isfel ta' l-istess triq tiġi one-way. Il-membri iddiskutew din il-proposta kif imressqa u qablu b'mod unanimu li din titressaq lil Transport Malta. Il-membri qablu.

*Il-Viċi Sindku ħareġ mil-kamra.*

3.2. Korrispondenza mill-Banda Kristu Sultan sabiex issir attività mal-Kunsill bl-għajnuna tas-Segretarjat għall-Gvern Lokali u Komunitajiet kif mwiegħed mill-istess Segretarjat.

*Il-Viċi Sindku daħal fil-kamra.*

Il-Kunsill iddiskuta dan u qabel li ma ssir l-ebda attività qabel ma jitħallas l-ammont dovut mill-istess Segretarjat Parlamentari b'rabta mal-Attività tal-Milied kif ukoll ikun hemm bil-miktub li l-Kunsill ser jieħu il-fondi għall-attivitajiet ta' din is-sena. Dan japplika wkoll għall-attività tal-Milied kif organizzata normalment mis-Soċjeta De Paule hekk kif ukoll waslet it-talba lil Kunsill mill-istess Soċjeta.

3.3. Korrispondenza mingħand is-Sur Alfred Ellul Galea sabiex il-Kunsill isemmi triq għal Antonio Nicholas. Il-membri qablu li ser jieħdu nota ta' din il-korrispondenza u f'każ li jkun hemm ħtieġa li tissemma xi triq din il-proposta tittieħed in-konsiderazzjoni.

3.4. Korrispondenza mingħand is-Sur Vince Williams sabiex tiġi organizzata wirja żgħira fil-Kunsill dwar l-ewwel film talkies. Il-membri qablu.

3.5. Korrispondenza mingħand il-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta sabiex il-Kunsill japprova li isir *bus stop* ġdid fil-parti ta' isfel tal-Pjazza de Paule. Il-membri qablu.

3.6. Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar konċessjonijiet marbuta mal-għażla tal-iskemi li joperaw fil-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Il-membri ħadu nota u qablu li jaħdmu skond kif innotat fl-istess ċirkulari.

## 4. <u>Staff-Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Uffiċju</u>

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi fid-dawl tal-fatt illi l-Kunsill għandu ħaddiema ġdida hemm bżonn li sabiex kulħadd jgħaqqad il-ħin biżżejjed jitwal il-ħin li jaħdmu nhar ta' Sibt. Għaldaqstant il-membri qablu illi nhar ta' Sibt il-Kunsill jibda jiftaħ mit-8.00am sas-1.00pm.

4.2. B’referenza għall-istaff tal-Kunsill, il-Kunsillier Spiteri xtaq jirrimarka dwar il-kors fil-livell ta’ Masters li qed ikun offrut lil membri tal-Kunsilli u l-impjegati. Il-Kunsillier Spiteri ippropona li jekk is-Segretarju Eżekuttiv ikun interessat il-Kunsill għandu jagħmel tajjeb għal-30% tal-ispiża tal-kors hekk kif il-Gvern iħallas is-70% bl-iskema tal-*Get Qualified*. Il-membri qablu b’mod unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa interessat li jagħmel dan il-kors u għaldaqstant irringrazzja lil membri talli qed jaqblu li jinvestu fil-ħaddiema tal-Kunsill.

## 5. Ġbir ta’ skart organiku

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienet sargħet laqgħa mar-rappreżentanti tal-Wasteserv dwar il-ġbir separat ta’ skart organiku u informa lil membri li issa l-ġbir ser isir kif ġej:

**Tnejn-**Organiku u Borża sewda
**Tlieta-**Riċiklabbli
**L-Erbgħa-**Organiku
**Il-Ħamis-**Borża sewda
**Il-Ġimgħa-**Organiku
**Is-Sibt-**Borża sewda

Il-membri approvaw din l-iskeda però xtaqu jżidu illi qed jirriżervaw id-dritt illi f'każ li ma isirx infurzar denju marbut mal-ġabra l-ġdida ta' skart organiku fi żmien xahar minn meta tkun daħlet fis-seħħ, il-Kunsill iwaqqaf din is-sistema u jmur lura għall-ġabra eżistenti.

5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li l-WasteServ ser ikunu qed iħallsu għall-ġbir tal-Skart Organiku.

*Il-Kunsillier Muscat telaq mil-laqgħa.*

## 6. Management fee (Tender ġbir ta’ skart)

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-ammont ta’ €7,322 għadu dovut lil Kunsill mill-Kuntrattur Elton John Zammit wara ħlas żejjed li sar lil kuntrattur. Il-membri qablu li għandom jiktbu b’mod legali sabiex dawn il-flus jiġu mgħoddija lil Kunsill wara li jittieħed ukoll parir legali.

7. **Jum Paola**

7.1. Il-Kunsillier Lynch qal li wara li l-banda tal-pulizija ma laqgħetx l-istedina tal-Kunsill sabiex tagħmel programm f'Jum Paola, ġie avviċinat l-Kumitat tas-Soċjeta 11 ta' Frar sabiex il-banda tal-istess Soċjeta tagħmel programm mużikali. Il-membri qablu lil isir dan il-programm u d-data tkun s-17 ta' Novembru 2018. Il-programm ser isir fis-sala tal-iskola Ġuże d'Amato.

7.2. Il-membri iddiskutew il-persuni li għandom jingħataw rikonoxximenti tul is-serata u qablu kif ġej:

7.2.1. **Ġieħ Paola**: Simon Schembri

7.2.2. **Rikonoxximenti**: Joseph Ellul, Laurence Cauchi, Bernardette Spiteri, Vivienne Aquilina, Vince Williams u Joseph Mizzi.

8. **Proġetti Infrastrutturali**

8.1. Is-Sindku informa lil membri illi tkompla ix-xogħol fi Ġnien Lorry Sant fejn fid-dawl ta' bosta ħsarat li hemm taħt l-art hemm bżonn li l-kuntrattur ikisser parti mill-art.

8.2. Is-Sindku informa lil membri li għaddejjin l-aħħar preparamenti sabiex jibda xogħol ta' major patching fi Triq Britannja.

9. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.1. Dwar il-Proġett tal-Pjazza is-Sindku qal li sargħet laqgħa mal-Periti sabiex jissewwew ħsarat u nuqqasijiet li saru mill-kuntrattur. Dwar il-kameras tal-pjazza, is-Sindku informa li LESA qablet li tinstalla dawn il-kameras a spejjeż tal-istess entita.

10. **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

10.1. Il-Viċi Sindku ippropona li isir ktejjeb ta' storja u kultura tal-lokalita li jitqassam umbagħad fl-iskejjel u fir-residenzi tal-lokalita. Il-membri qablu li isir grupp ta' persuni li jaħdem fuq dan il-proġett li jkun immexxi mill-konsulent tal-Kunsill Dr. Malcolm Borg.

10.2. Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn issir xi ħaġa sabiex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi fi Triq Għajn Dwieli. Il-membri qablu li titressaq din it-talba lil Transport Malta.

**11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 49 għas-somma ta' €39,430.37.

**12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7.15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku